MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2008

Numru. 712/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Marlon Zarb ta' 19 il-sena, iben Robert u Marcelline nee` Portelli, imwieled Pieta` nhar it-23/10/2008 u joqghod gewwa 43, Anne Court, Flat 4, Triq Nazju Ellul, Gzira, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 486288(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza kif migjuba fil-konfront ta' l-imputat u cioe talli nhar l-10 ta' Gunju 2008, ghall-habta tas-siegha neqsin kwart ta' filghodu (00:45hrs), minn gewwa George Auto Dealier, sitwat fi Triq Luqa Briffa, Gzira, ikkommetta serq ta' sitt mini motos, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u bil-valur li jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u

erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), li sehh ghad-detriment ta’ George Barbara;

Rat d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni mghamulha mill-imputat liema ammissjoni gie rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl tal-provi migjuba u fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt ukoll li l-imputat iddikjara li huwa lest li jhallas sehem mid-danni sofferti mill-parte leza li b’kollox jammontaw ghal elf sitt mija tnejn u ghoxrin euro u tmintax il-centezmu (€1622.18).

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 270, 267

tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mill-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta’ liberazzjoni kundizzjonata.

Finalment b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 l-Qorti qed tordna lill-imputat ihallas lill-parte leza u cioe` lil George Barbara ta' George Auto Dealer is somma ta' tmin mija hdax il-euro u disa' centezmi (€811.09) fi zmien xhar mill-lum. Fid-dawl ta' dan il-Qorti qed tordna illi id-dokument MM1 u MM2 jigu rilaxxati favur il-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------